**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 67 – IT-TNEJN 25 TA' APRIL 2011**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Carmel Caruana | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru sitta u sittin (66) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it-12 ta' April u l-25 ta' April 2011.

2.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru.0944/11. Id-Ditta Green MT kellha laqgħa mal-Kunsill Lokali dwar diversi punti fuq l-iskart, iżda l-iżjed fuq ġbir tal-kartun mill-ħwienet.

2.2 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0949/11. Il-Bank of Valletta qed joffri lill-Kunsill Lokali s-servizz tal-Internet Banking Facility fuq il-kontijiet li għandu magħhom.

2.3 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0971/11. Il-Kunsill Lokali ta' Hal-Lija kien talab lill-Kunsill tagħna biex joħroġ parti mill-ispejjez biex il-Librerija tal-Iskola tispostja ruħha fil-University Residence peress li din tintuża mir-residenti ta' l-Iklin ukoll. Il-Kunsill ma qabilx li joħroġ parti mil-ispejjez għaliex il-Librerija hija devoluta lill-Kunsill ta' Ħal-Lija.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0980/11. L-Onor Dr. Chris Said ħa passi fuq it-Traffic Lights ta' Triq Dun Karm wara li kitiblu s-Segretarju li ħadd ma' ħa passi wara li dawn ittajjru waqt inċident tat-traffiku.

2.5 Il-Kunsillier Ronnie Cauchi u l-Kunsillier Carmelo Caruana staqsew fuq il-korrispondenza Nru. 1039/11. Il-Kunsill kien kiteb lit-Trasport Malta li kien għad baqgħalu żewġ toroq fl-Iklin, Triq May Butcher u Triq Richard Taylor, li kienu għadhom m'humhiex lesti.

2.6 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1058/11. Il-Mepa kienet irrifjutat permess ta' bini ġo sit f'ta' Ġnien Fonsu li jinsab fil-lokalita' tal-Iklin.

2.7 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1023/11. Din kienet kwotazzjoni mid-Ditta biex issir ir-rampa tal-garaxx ġdida tal-Kappillan fuq il-bankina ta' Pjazza Ninu Cremona.

2.8 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1031/11. Is-Segretarju fuq struzzjonijiet tal-Kunsill kiteb lit-Trasport Malta biex tingħalaq Pjazza Anton Buttigieg min-naħa ta' Triq Ċensu Busuttil.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn it-12 ta' April u l-25 ta' April 2011, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilmenti fuq bozoz Nru. 142574 (Triq Stefano Erardi – L Y023 ) 142850 ( Triq in-Namur – L061) u Nru. 141896 ( Triq ir-Razzett L-Aħmar – L105 ) dawn ġew irrapurtati minnufih.

3.3 Rigward talba Nru. 12/04-1 biex isiru tabella ta' l-ispeed u marki "35" spissi fi Triq Mons. P.P. Saydon; il-Kunsill qed jikkunsidra din it-talba.

3.4 Rigward ilment Nru. 15/04-1 parkeġġjar ta' vetturi fi Triq Ċensu Busuttil minħabba tabelli tal-ħin f'toroq oħra; il-Kunsill ħa nota ta' dan l-ilment.

3.5 Rigward talba Nru. 15/04-2 biex isir 'bin' fi Pjazza Anton Buttigieg; il-Kunsill qed jikkunsidra din it-talba.

3.6 Rigward talba Nru. 20/04-1 biex titnaddaf id-daħla tal-garaxxijiet ta' Triq Dun Karm; il-Kunsill kien diġa infurmah lill-kuntrattur li din qabiżha; issa għandu laqgħa miegħu fuq diversi ilmenti.

3.7 Rigward talba Nru. 20/04-2 minn resident biex titkabbar il-kaxxa ta' quddiem il-garaxx fi Triq Censu Bugeja; il-Kunsill sejjer jinvestiga.

3.8 Rigward ilment Nru. 25/04-1 minn residenta minn Triq San Mikiel li ma' tarax gwardjani lokali u t -tabelli tal-ħin qed jiġu injorati. Il-gwardjani dejjem ikunu fuq ir-rotta madwar l-Iklin.

3.9 Rigward ilment Nru 25/04-2 dwar trakk bla 'number plate' li ilu ipparkjat fi Triq San Mikiel għal ġimgħat sħaħ; Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.10 Rigward ilment Nru. 25/04-3 dwar ħafna ħaxix fuq il-bankina ta' Triq San Mikiel; il-kuntrattur diġa ġie infurmat.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA` TA' L-IPPJANAR.

5.1 l-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 05720/09. Casa Bonnici, North & South House, Triq il-Wied. Alterazzjonijiet fuq id-djar eżistenti semi-detached u bini ta' sular ieħor. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.3 Dwar PA 00282/10. Hal Mann Car Wash, Triq San Mikiel c/w Triq Naxxar. Modernizzar tal-Car Wash, installazzjoni ta' P.V. panels, reservoir taħt l-art, tabella, u bdil tal-klassi minn IV għal V1. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.4 Dwar 03444/09.The Model Shop, Triq Geronimo Abos, c/w Triq Dun Karm. Permess "outline" biex isiru alterazzjonijiet interni fil-ħanut. Tibdil ta' użu minn residenza għal kummerċjali fl-ewwel sular. Kien hemm talba għal aktar informazzjoni.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS GĦELUQ IS-SENA 2010.

6.1. Peress li kienu għadhom ma waslux dawn id-dokumenti mingħand l-Awdituri, dan l-item ġie pospost.

## 7. ATTIVITAJIET

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli beda biex fakkar li l-attivita' ta' Jum L-Omm kienet sejra ssir it-Tlieta it-3 ta' Mejju fejn il-Kunsill kien qed jorganizza Ħarġa għal Għawdex.
L-attivita' tat-Tberik tal-Annimali sejra issir il-Ħadd 22 ta' Mejju f'Wesgha Lewis J.B. Scicluna.
Is-Sur Dalli qal li nibdew naħsbu ftit fuq Jum L-Iklin li din is-sena l-qofol tagħha issir f'Settembru peress li hija l-aħħar sena tal-Leġislatura. Għaldaqstant l-attivitajiet ' jibdew bil-mod minn Ġunju.

## 8. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

8.1 Is-Sur Dalli ħabbar li sejra titkompla l-bankina ta' Triq Dun Karm bil-konkos u fejn hemm bżonn.

8.2 Il-kunsill bagħat għal-kuntrattur tal-Knis għaliex dan mhux qed jagħti servizz tajjeb biżżejjed. Il-ħaxix mhux qed jinqata'

kif suppost u ta' spiss; dan tarah kullimkien.

8.3 Is-Sur Dalli għamel referenza wkoll fuq it-tabelli tas-Solar li issa iridu jeħlu fl-Iklin wara li spiċċat l-Energy Week. Tabella li turi "Liwja" sejra issir fin-naha ta' fuq ta' Triq il-Wied u tnejn oħra li juru "Roundabout" sejrin jitwaħħlu qabel il-ħruġ minn Triq Geronimo Abos u Triq il-Wied.

**9. AĠĠORNAMENT.**

7.2 Qabel ma' spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2011 fil- 5.30pm.

7.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2011 fil- 5.30pm.

7.4 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |